**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 34 – IT-TLIETA, IT-3 T' AWWISSU 2026 FIL-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fil-boardoom

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | | |
| | Dominic Cassar | Sindku |
| | Pauline Vella Critien | Viċi Sindku |
| | Trevor Fenech | Kunsillier (Minority Leader) |
| | Carmelo Pace Taliana | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| | Norbert Dalli | Kunsillier |
| | Salvu Debono | Kunsillier |
| | Noel Dimech | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Javier Caruana | Kunsillier |
| Skużata | Claire Calleja Zammit | Kunsillier |

Talba

## 1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

Is-Sa Claire Calleja Zammit talbet tiġi skużata għal din il-laqgħa.

## 2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Is-Sa Joan Farrugia, qalet li fil-minuti mhux qed jiġi rifless u mwieġeb dak li talbet hi. Is-Sur Cassar qallha li ġie iċċekjat u kkonfermat li skont il-Greenpak dawk huma underground bins innumerati u għalhekk ma jistgħux jiġu mibdula, u skonthom qegħdin jitbattlu bejn darba/ darbtejn fil-ġimgħa. Is-Sa Farrugia flimkien mas-Sur Fenech talbu li dan jergġa jiġi rivedut minħabba li diversi residenti qed jilmentaw li qegħdin jiġu mħarrkin minħabba li dawn dejjem mimlijin u m'għandhomx fejn jarmu. Is-Sur Debono qal li dawn qed jiġu mimlijin mal-ewwel għax tal-ħwienet imorru u jarmu l-kartun kollu li jkollhom iżda dawn qalu li kulħadd għandu dritt jużahom.

2.2 Trevor Fenech talab aġġornament dwar il-punt 7.2 dwar il- PA objections. Is-SE infurmatu li dawk iż-żewġ objections ġew sottomessi mill-perit.

2.3 Ħadd ma kellu iktar xi jżid, Lino Pace Taliana ippropona l-minuti u Pauline Vella Critien issekondat. Qbil unanimu.

## 3 Komunikazzjoni mis-Sindku

### 3.1 Bins tat-tessuti

Is-Sindku qallhom li s-servizz tal-bins tal-ħwejjeġ qed jiġi sospiż għaliex l-ispejjeż ghal din il-kumpanija huma għoljin hafna. Infurmawna li qed jikkomunikaw dan mal-kunsilli kollha kif ukoll mar-reġjuni. Ir-Reġjun Tramuntana li minnu nagħmlu parti qal li wkoll għaddej f'komunikazzjoni iżda kull kunsill huwa liberu jara skont l-eżiġenzi u d-deċiżjoniji tal-mejda. F'San Gwann ikkonfermaw li sa issa diga ghalqu 4 minn 8 bins u jekk ma jintlaħaqx ftehim li l-kunsill jerfa l-ispejjeż jingħalqu wkoll. Il-kunsill qabel unanimament li għandhom jiġu sospiżi sakemm ikun hemm komunikazzjoni tat-talba li qed jitolbu mill-kunsill u r-residenti jiġu infurmati sabiex ma jarmux għaliex jibda jitħalla l-iskart mal-art u fit-toroq.

### 3.2 Ittra mingħand Ganado Advocates f'isem is-Sur Paul Vella Critien

Is-Sindku ikkomunika mal-mejda li l-kunsill reġa rċieva ittra f'isem Paul Vella Critien, dwar ir-restawr tal-monument tal-Millenjum din id-darba hija uffiċjali u ffirmata mill-avukati. Is-Sur Fenech intervjena u qal li l-kunsill għandu jerġa jirreferi għall-ittra li kien bagħat l-istess Vella Critien lura fl-2021 u li l-kunsill tah risposta li minn dak li ġie diskuss għadha valida. Is-Sur Cassar ikkonferma dan li din l-ittra kienet mibgħuta minn Filletti & filletti Advocates bħala risposta lil Ganado Advocates u ser ikun qed jerġa jirreferi għal din il-komunikazzjoni.

### 3.3 Żjara Papali – AKL

Is-Sindku infurma l-mejda li hu fost is-Sindki l-oħrajn laqa' l-istedina tal-AKL għall-iżjara li ser torganizza sabiex f'Ottubru li ġej jiltaqgħu mal-Papa ġewwa Ruma. Huwa ser jimxi mal-proċedura tal-Per Diem iggwidat mis-Seg

Eżekuttiv. Ħadd ma oġġezzjona. Filwaqt li kien hemm min staqsa jekk huwa wkoll jistax jattendi, din l-istedina kienet eskulussiva biss għas-sindki.

### 3.4 One-Way Triq il-Kappuċċini

Il-kunsill irċieva minn TM rakkomandazzjoni fuq Triq il-Kappuċċini sabiex din terġa tinbidel f'one way minħabba li qed jiġu rrappurtati aċċidenti. Is-Sur Fenech qal sabiex Sqaq Siġra jerġa jsir kif kien, is-Sur Dalli qallu li dan ma jistax isir hekk, is-Sur Fenech u is-Sur Dalli qablu li l-kunsill għandu jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-esperti tat-traffiku – it-TM.

## 4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

### 4.1 Trevor Fenech:- Aġġornament fuq Misraħ Awrekarja

Sar meeting mal-Perit inkarigat fuq il-proġett ta' Misraħ Awrekarja li kien inbeda fil-leġislazzjoni li għaddiet u li kien sar qbil mal-Public Works dwar dan ix-xogħol. Preżenti kien hemm is-Sindku, il-perit, Norbert Dalli u s-Seg Eżekuttiv.

Il-permessi ħarġu u l-perit jonqsu jibgħat lill-kunsill l-aħħar dokumenti sabiex inkunu nistgħu nippreparaw il-polza tal-assigurazzjoni u kollox jiġi finalizzat u lest kemm jinbeda x-xogħol. Ser jiġi deċiż appuntament mal -Public Works sabiex ikunu jistgħu jikkonfermaw id-data li x-xogħlijiet ikunu ser jinbdew.

Kif kien diġà diskuss, fil-leġislazzjoni li fiha kien sindku, is-Sur Fenech qallhom ukoll li wara li jitlesta dan il-proġett jinbeda dak li kien ukoll ikkonfermat li jsir f'ta' Żwejt.

Is-Sindku irringrazzja u awgura lil Trevor tal-impenn tiegħu.

### 4.2 Trevor Fenech:- L-inċident f'Santa Margherita

Is-Sur Norbert Dalli talab li jiġi skużat u ħareġ mill-kamra filwaqt li ħalla wkoll kull mezz ta' komunikazzjoni fuq il-mejda minħabba konflitt ta' interess.

Is-Sur Fenech qal li wara li kellu diskussjonijiet ma' diversi nies dwar dan l-inċident jixtieq jitlob lill-mejda sabiex il-kunsill jikteb lill-insurance tagħna jippreżenta d-dokumentazzjoni li għandha u jimxi skont il-pariri tal-insurance għaliex Act of God m'għadhiex tiġi kkunsidrata bil-liġi u din għandha tiġi kkunsidrata indipendentament mill-claims tal-potholes, il-kunsill għandu jimxi skont l-insurance u f'każ li ma jieġux tweġiba jgħaddi għall-parir legali.

Is-Sa Vella Critien qalet li din hi a natural thing u li l-claimant lanqas biss kien hemm komunikazzjoni magħha mill-amministrazzjoni u għaddiet il-kwotazzjoni tal-ispiża u s-surveyor lilha personali li skontha titla' għal kważi EUR4,000.

Is-Seg Eżekuttiv infurmathom li l-Claimant ġiet acknowledged u għadditilhom il-komunikazzjoni u kienet talbet ir-rapport tal-pulizija u informazzjoni oħra u li jekk ikollha xi kjarifiki oħra jew bżonn xi assistenza oħra dwar dan il-każ għandha terġa tikkomunika, iżda kkonfermat li ma rċeviet l-ebda komunikazzjoni uffiċjali u għalhekk ma setgħetx tipproċedi.

Is-Sur Fenech qal li ebda kwotazzjoni jew stima ta' surveyor ma tista' tiġi aċċettata jekk din ma tgħaddix through the right channels jiġifieri mingħand is-Seg Eżekuttiv, f'każ li din tkun koperat mill-insurance tal-kunsill l-istima u surveyor tal-istess insurance tiġi valida u mhux esterni. Dejjem skont il-gwida tal-insurance.

Kien hemm qbil unanimu li l-kunsill għandu jitratta dan il-każ u jikkomunika mal-insurance MIB tal-kunsill stess.

Norbert Dalli intalab jirritorna lura mal-mejda.

## 5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti Nru 28

5.1 Is-Sur Fenech staqsa ta' xiex il-kunsill ħallas pagament nru 39. Dan ġie kkonfermat li kien pagamanet ta' onsite visit li l-perit għamel sabiex jara x'għandu jsir u l-passi meħtieġa sabiex ikun possibli jinbeda l-proġett tar-renovation tal-entratura tal-mitħna. Trevor qal li hemmhekk hi mikrija lis-Sur West ilha mikrija bħala għalqa u jekk hu ħadha hekk din tibqa' hekk. Jekk il-kunsill ser imiss din l-art irid jikkumpensa jew jerġa jħallas tal-ispejjeż. Is-Sur Fenech qal li dik il-mitħna lanqas hi protetta mill-Heritage u l-kunsill għandu qabel xejn jara x'inhuma d-drittijiet u obbligi tiegħu u mhux jinbeda x-xogħol tal-periti mingħajr konferma tad-drittijiet.

5.2 Ħadd ma kellu iktar xi jżid, ippropona l-iskeda tal-pagamenti Salvu Debono u ssekondah Javier Caruana. Kien hemm qbil unanimu

## 6 Rapport tas-Sottokumitat (anness)

6.1 Il-Kunsillier Lino Pace Taliana qal li t-tabelli li nqalgħu għadhom ma tweħlux fi Triq A Schembri avolja t-tarmac lest. Is-Sur Fenech qallu li dawk isiru minn kuntrattur ieħor u li ovvjament jerġgħu jitweħlu. Is-SE qaltlu li ser tibgħat lill-perit tal-proġett tal-IM sabiex itiha update fuq meta dawn ser jitweħlu.

6.2 Hemm ukoll Charging Pillar antika tal-GOTO u li din qed tkun ta' hazard għaliex sa anke wires imċarrtin. Is-SE qalet li ser tinforma wkoll lil TM fuq din sabiex jieħdu azzjoni.

6.3 Talab ukoll jekk jistax ikun hemm it-tabella li turi fejn inti li kienet hemm diġa iżda marillha l-kulur u sfumat tiġi mibdula. Is-Sa Vella Critien, qalet xinhu l-punt ta' din meta llum kulħadd juża google maps. Is-Sur Pace Taliana qal li jekk din mhux se tinbidel għandha tiġi eliminata.

6.4 Staqsa wkoll huwiex possibli li jsir hedge fil-ġnien.

6.5 Ikkumenta fuq l-ilemtn f'Bkara Road minħabba l-ħanut li qed jerfa' l-fliexken. Is-Sindku kkonferma li l-CPT tkellmu mas-Sid sabiex dan ma jbattalx u jisseparax fil-ħinijiet ta' disturb. Kellmu wkoll lil min għadda l-ilmenti li sabiex jifformalizzaw l-ilement dawn iridu jitiilgħu jixhdu personalment.

## 7 Triq Fikus – Exproriation tal-Art jekk Skedata;

7.1 Is-Sur Dalli qal li fil-laqgħa li kellhom mas-CRPD fil-21 ta' Lulju fejn fiha kien hemm preżenti Doninu Malta ġie mitlub li l-art li fiha hemm iċ-ċint li huwa parti mill-privat tintalab li tiġi expropriated mill-kunsill.

7.2 Is-Sur Fenech qal staqsa fuq liema bażi l-kunsill ser jidħol f'dan kollu u jieħu art privata li bħalissa fiha hemm ukoll 3 parkings li jintużaw minn kulħadd. Dik l-art suppost tista' tkun parapet privat.

7.3 Is-Sur Dalli qal din id-deċiżjoni teħodha l-mejda jekk għandhiex tiġi expropriated jew le, sadanittant qed nistennew ukoll risposta mil-Lands Authority dwar il-possibilta' ta' dan.

7.4 Is-Sur Fenech reġa insista u staqsa, fuq liema bażi l-kunsill ser jitlob lil-Lands sabiex jieħu art private? Kulħadd għandu jistaqsi li kieku jagħmluha lili. Għandu jkun hemm raġuni valida u mhux sempliċiment minħabba passaġġ li jista' possibilment isir b'mod ieħor.

7.5 Is-Sa Vella Critien qalet li skont il-perit din iddum xahrejn sabiex tiġi expropriated.

7.6 Is-Sur Fenech semma wkoll li l-kunsill ikun irid iħallas u jixtri din l-art mingħand is-Sid skont ir-rata tal-Gvern.

7.7 Is-Sur Dalli qal li l-kunsill għandu jikkonferma mal-Lands jekk tistax din tiġi expropriated jekk iva naraw il-proċeduri li jkun hemm fiha. Li hu żgur Doninu Malta talab li ssir bankina taħt bankina u l-perit Pullicino ikkonferma li hu mhux ser jiffirma sabiex isir hekk.

7.8 Is-Sur Fenech qal li għandu jkun hemm alternattiva oħra forsi li tinsel ma' Chef Choice u titla' lura, għaliex il-kunsill għandu jara sewwa at what price ser isir dan kollu, mhux finanzjarjament biss.

## 8 Life Policy Renewals

8.1 Is-SE infurmathom li kif kien ġie kkomunikat magħhom minħabba deadline li ngħatat mill-AKL saru r-renewals tal-Life Insurance tal-membri eletti kollha, ħlief dawk li ma jikkwalifikawx skont l-ittra li ġiet komunikata lilhom.

## 9 Aġġornament fuq Tenders; Bulky Refuse, Parks & Gardens, Public Convenience

9.1 Is-SE tathom aġġornament fuq it-tenders pendenti tal-kunsill

Bulky Refuse – Wara li din ġiet evalwata, appellata mal-PCRB u fil-Qorti, dan it-tender ġie mogħti skont d-deċiżjoni finali tal-qorti lis-Simply Clean, din l-infromazzjoni kienet diġa ġiet mgħoddija lill-kunsill. Intbagħtet ittra uffiċjali lil Galea Cleaning Solutions b'ringrazzjament u b'data finali kif ukoll is-servizz il-ġdid mis-Simply Clean mistenni jibda mill-1 ta' Settembru.

Parks & Gardens – wara l-evalwazzjoni li saret mill-bord, kien hemm appell u l-PCRB talbu li l-evalwazzjoni għandha ssir mill-bidu b'bord ieħor, il-bord mistenni jkun iffurmat minn Duncan Hall, Romina Perici Ferrante u Dr Tiffany Abela, kif ukoll Mario Gauci bħala ċ-ċerpersin. L-evalwazzjoni għandha tinbeda fil-ġimgħat li ġejjin.

Public Convenience – it-tender ġie finalizzat skont kif intalab mill-mejda u l-proċeduri tal-kriterji kif mistenni minnha, għadda għand Mark Vella Bamber sabiex jawtorizza r-rekwiżiti tal-GPP u l-konformita' u ser jiġi ppublikat fil-jiem li ġejjin sas- 7 ta' Settembru.

Ħadd ma kellu xi jżid fuq dan.

Il-laqgħa spiċċat fis-18:30 u l-laqgħa li jmiss se ssir fl-1 ta' Settembru fil-17:30

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **Gaynor Bajada**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Dominic Cassar**<br>**Sindku** |